MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 286/1994/1

**Jesmond Sammut**

**vs**

**Peter Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Jesmond Sammut in data ta' l-4 ta' Lulju 2001 fejn wara li ppremetta li l-appell tieghu fil-kawza fl-ismijiet premessi gie ddikjarat dezert fid-29 ta' Novembru 2000 u fih talab li contrario imperio din il-Qorti tirrevoka d-digriet taghha tad-dezerzjoni u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa;

Rat l-oppozizzjoni tal-kontroparti;

Ikkunsidrat li mill-atti jirrizulta li l-appell ta’ l-attur Jesmond Sammut kien gie originarjament ipprezentat fid-29 ta’ Novembru 1999. L-appellat konvenut baqa’ ma giex innotifikat – hekk ara riferta negativa in data ta’ l-1 ta’ Dicembru 1999 u 9 ta’ Dicembru 1999 u dan minkejja li skorriet sena mid-data tal-prezentata. Issa skond l-artikolu 961(1) tal-Kap. 12 il-procedura bil-miktub f’kull kawza, fi grad ta’ appell, ghandha tigi maghluqa fiz-zmien perentorju ta’ sena. Dan ghalhekk ifisser illi fil-kaz in ezami sad-data tad-29, l-aktar 30, ta’ Novembru 2000, l-appell ta’ l-attur mar dezert a tenur tas-subartiklu (5)(b) ta’ l-imsemmi artiklu 963. Fir-rikors tieghu l-appellant invoka l-artiklu 152(2) tal-Kap. 12 u jissottometti li l-avukat tieghu qatt ma rcieva ebda informazzjoni mir-Registratur li l-appellat ma kienx gie notifikat bir-rikors ta’ appell tieghu entro l-ghaxart (10) ijiem imsemmijin f’dan l-artiklu. Imbaghad huwa jirreferi ghas-setgha moghtija lil din il-Qorti fl-artiklu 963(3), tal-Kap. 12 dik igifieri li jekk jinsab li l-proceduri bil-miktub, f’kawza migjuba fuq il-lista ghas-smiegh, m’humiex maghluqa, hija tista’ tordna li din il-kawza terga’ tigi mqeghda mal-kawzi li l-proceduri taghhom bil-miktub ikunu ghadhom mhux maghluqa.

Ikkunsidrat li minkejja dak li hemm imnizzel fl-art. 152(2) tal-Kap. 12 (li jirreferi ghall-“appellant” u mhux ghall-“appellat”), ir-responsabbilta’ ghal fini ta’ notifika ta’ l-atti fiz-zmien stipulat bil-ligi tibqa’ dejjem tal-parti. Illi l-appellant rikorrent kien tenut li jaf u aktar minnu l-legali tieghu, b’dak li hemm stipulat fl-artiklu 963(1) u (5) surreferiti.

Skaduta s-sena, l-appell jitqies li mar dezert u f’dan il-kaz hekk gara. It-tismija tas-subartikolu (3) ta’ l-art. 963 minn naha ta’ l-appellant ghalhekk ma tapplikax ghaliex skond is-subartikolu (6) ta’ l-istess artiklu, <u>bid-dezerzjoni jispicca l-appell u s-sentenza appellata ssir gudikat</u>. Illi ghalhekk mhux aktar il-kaz li l-kawza terga’ titqieghed ghas-smiegh fuq il-lista mal-kawzi l-ohra kif jippretendi r-rikorrenti. Ghandu hawn jigi osservat ukoll li minkejja li l-atti kellhom

jigu konkjuzi sad-29 ta' Novembru 2000, it-talba odjerna ta' l-appellant giet intavolata fl-4 ta' Lulju 2001 igifieri aktar minn seba' (7) xhur wara li ghaddiet in gudikat. Kawza li tkun marret in gudikat tista' tigi ritrattata biss ai termini ta' l-artiklu 811 et sequitur tal-Kap. 12. Talba simili trid issir bi procedura ad hoc, u b'regoli fissi. Mill-bqija c-certezza tad-dritt jesigi li kawza li saret res iudicata ma tistax tigi mqeghda fuq il-lista mill-gdid fuq semplici talba b'rikors biex jinghata digriet contrario imperio. Il-kawza hija u tibqa' procedura tal-parti. L-attur, bhala promotur ta' l-azzjoni u bhala appellant, kien fid-dover li jara u jsegwi x'sar mir-rikors ta' appell intavolat minnu. Ir-rikorrent ghalhekk irid iwiegeb hu stess ghall-inadempjenza kolpuza tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur rikorrent kif dedotta fir-rikors tieghu ta' l-4 ta' Lulju 2001 ghall-fini tar-riappuntament ta' l-appell fuq imsemmi, u dan bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu.

Dep/Reg
df